MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 767/2007

**GO Plc. – C22334**

**Vs**

**Jesmond Arnaud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz f`ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta` Ottubru, tas-sena 2007 in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenut Jesmond Arnaud jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm251.95c, illum ekwivalenti ghal €586.88c rapprezentanti ammont illi ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21821625 marbut ma` kont numru 40039478, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Ra illi l-konvenut ikkontesta t-talba attrici in forza ta` risposta datata 18 ta` Jannar, 2008 fejn afferma li l-ammont mitlub kien infundat fil-fatt u fid-dritt stante li ma kienx hu li ghamel it-telefonati imma l-konvenuta l-ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti fosthom Dok. A, B u C annessi ma` l-istess avviz.

Sema` ix-xhieda moghtija minn zewg rapprezentanti tas-socjeta` attrici cioe` lil Dr. Keith Grech u lil PL Noel Scerri li t-tnejn li huma kkonfermaw wiehed dikjarazzjoni solenni u l-iehor bil-gurament li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi baqa` ma sar ebda pagament.

Ra illi l-konvenut ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sew biex iressaq il-provi tieghu in sostenn tar-risposta li huwa ta in kontestazzjoni u kif ukoll biex iressaq ossija jitlob jekk ikun il-kaz li tigi msejjha persuna ohra bhala konvenuta biex twiegeb ghat-talbiet attrici huwa naqas ghal kollox biex jiehu vantagg minn dawn l-opportunitajiet bil-konsegwenza illi spicca illi l-konvenut ma ressaq ebda provi in sostenn tal-kontestazzjoni sollevata minnu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut kwindi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut Jesmond Arnaud sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €586.88c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------